MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Numru 1104/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ALEXANDER GRECH**

**VS**

**DENISE ABELA**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Denise Abela ta’ 21 sena, bint Francis u Mary Iris nee’ Fenech, imwielda tal-Pieta’, nhar l-24 ta’ Marzu,  1983 u toqghod Sunrise, 144, Triq Mons Mikiel Azzopardi, Siggiewi, detentura tal-karta tal-identita’ bin-numru 170383 (M);

Akkuzata talli kkommettiet serq ta’ cashlink card mahruga mill-BOV f’isem Claudette Gambin u fl-istess jum, ikkommettiet bl-istess cashlink  card li jammonta ghal Lm165.00 u dan billi ghamlet uzu mill-istess cash link card

ghad-dannu tal-istess Claudette Gambin bi ksur tal-Artikolu 261 ( c ), 267, 268 ( a ), u 340 ( c ) u ( d ) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, xjentement xtrat jew laqghat ghandha hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat iehor sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkunu ndahlu biex ibieghawhom jew imexxuhom u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat fuq akkont ta' terzi persuni b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew bil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ffurmati, inkella billli ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' il-cashlink card tal-BOV u dan bi ksur tal-Artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta';

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement ghamlet uzu minn att, kitba, jew skitturi foloz, jigifieri cash link card u dan bi ksur tal-Artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ghamlet qliegh ta' Lm165.00 ghad-dannu ta' Claudette Gambin u dan bi ksur tal-Artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bi hsara ta' haddiehor, ghamlet qliegh b'qerq ghad-dannu ta' Claudette Gambin u dan bi ksur tal-Artikolu 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U finalment talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn dokument falsikat u cioe' minn cash link card mahruga minn awtorita' pubblika u dan bi ksur tal-Artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputata irregistrat ammissjoni ghall-akkuzi dedotti, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnha anki wara li l-Qorti tatha zmien skond il-Ligi biex tikkonsidra din l-istqarrija.

Rat li l-imputata kienet ikkoperat bis-shih mal-pulizija fl-istadju tal-investigazzjoni.

Rat il-fedina penali tal-imputata.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Semghet lid-difiza u l-prosekuzzjoni jaqblu fuq piena gusta, *in vista* tal-eta' tenera tal-imputata u ta' konsiderazzjonijiet ohra.

Rat l-Artikoli 261, 267, 268 u 340, u l-Artikolu 21, ilkoll tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni, il-Qorti ssib lill-imputata Denise Abela hatja, izda tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tmintax(18)-il xahar mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------